# Qorti tal-Magistrati (Għawdex)
# Gurisdizzjoni Superjuri
# Sezzjoni tal-Familja

**Magistrat Dr Brigitte Sultana LL.D. LL.M. (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Seduta tal-lum id-9 ta' Gunju 2020**

**Fl-atti tar-rikors Guramentat numru: 31/2019/BS**

**AA**

***Kontra***

**BB**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat ta' AA fejn ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu nhar il-wiehed u ghoxrin ta' Mejju tas-sena elfejn u ghaxra (21.05.2010), fis-Sala tas-Saltna, il-Mosta, Malta, liema zwieg huwa debitament irregistrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta, u dan kif jidher mic-certifikat anness u mmarkat Dok A;

Illi minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal;

Illi l-imsemmi zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment u lhom *de facto* separati ghal dawn l-ahhar erba' (4) snin.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi dawn ilhom separati minn xulxin u llum ghandhom hajja totalment indipendenti minn xulxin;

Illi l-partijiet ma ghandhom ebda oneru ta' manteniment fil-konfront ta' xulxin;

Illi l-partijiet ma ghandhomx kuntratt ta' separazzjoni bejniethom.

Talab ghalhekk illi dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tiddikjara bhala mahlul iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fis-Sala tas-Saltna, il-Mosta, Malta fil-wiehed u ghoxrin ta' Mejju tas-sena elfejn u ghaxra (21.05.2010) u dan minkejja li ma

hemmx kuntratt ta' separazzjoni personali, ai termini tal-artiklu 66A tal-Kap 16;

2. Tawtorizza lill-intimata sabiex tirriverti lura ghal kunjom xbubitha "Gauci" stante illi ilha tuza dan il-kunjom pubblikament ghal diversi snin wara li tikkonferma x-xewqa tal-istess intimata;

3. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien qasir prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-decizjoni tal-Qorti ai termini tal-Artiklu 66A(4) tal-Kodici Civili.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-intimata in subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' l-intimata BB  fejn esponiet:

1. *Illi in kwantu l-kontendenti mhumiex separati b'kuntratt jew b'sentenza izda biss de facto, it-talbiet imressqa mir-rikorrenti huma ntempestivi u rriti billi tressqu minghajr l-awtorizzazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti u minghajr ma saret medjazzjoni u dan kuntrarjament ghal dak illi jiddisponi l-artikolu 66I (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta illi jghid illi: Fejn issir talba ghad-divorzju lill-qorti civili kompetenti minn wiehed jew l-ohra mill-mizzewġin, jew miz-zewg mizzewgin li jkunu qablu li z-zwieg taghhom ghandu jigi mahlul, u fejn l-mizzewgin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, qabel mal-qorti taghti l-awtorizzazzjoni biex il-mizzewgin jipprocedu ghad-divorzju, il-qorti ghandha ssejjah lill-partijiet sabiex jidhru quddiem medjatur li jkun jew mahtur minnha jew bil-kunsens taz-zewg partijiet u dan bil-ghan li jsir tentattiv ta' rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin, u fejn dik ir-rikonciljazzjoni ma ssehhx, u fejn dawn ma jkunux digà qablu bejniethom dwar il-pattijiet tad-divorzju, bil-ghan li jghin lill-partijiet biex jaslu ghad-divorzju fuq bazi ta' qbil.*

2. *Illi in kwantu l-kontendenti mhumiex separati b'kuntratt jew b'sentenza izda biss de facto u l-medjazzjoni dwar il-kaz tas-separazzjoni taghhom ghadha pendenti, it-talbiet imressqa mir-rikorrenti huma ntempestivi u ghandhom jigu michuda;*

3. *Salv risposti ulterjuri jekk ikun il-kaz.*

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat ix-xhieda ;

**IKKUNSIDRAT:**

**FATTI**

Din hija kawza fejn l-attur rikorrent qed jitob lill-Qorti sabiex tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tiddikjara mahlul iz-zwieg celebrat bejniethom fil-21 ta' Mejju, 2010. Huwa jghid illi din it-talba qed issir minkejja illi ma hemmx kuntratt ta' separazzjoni personali bejniethom u qed jinvoka l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 66 A tal-Kap 16, kodici ritwali.

L-attur jitlob ukoll illi l-Qorti tawtorizza lill-intimata tibda tuza kunjom xbubitha u dana billi hija ilha tuza dan il-kunjom. L-attur fl-ahhar nett jitlob lill-Qorti sabiex tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien qasir javza lir-Registratur tar-Registru Pubbliku bid-decizjoni tal-Qorti ai termini ta' l-Artikolu 66A(4) tal-Kodici Civili.

Il- konvenuta laqghet ghal dan billi fir-risposta taghha ecceppiet illi topponi t-talbiet ta' l-attur. Tecepixxi illi huma m'humiex separati la b'kuntratt u lanqas b'sentenza imma separati *de facto* biss. Tghid ukoll illi t-talbiet ta' l-attur rikorrent huma ntempestivi u tressqu minghajr l-awtorizazzjoni tal-Qorti u minghajr mal-partijiet ghaddew mill-procedura ta' medjazzjoni u dana kontra dak illi huwa provdut fl-Artikolu 66 I (1) tal-Kodici Civili. Tghid illi ghal dawn ir-ragunijiet it-talbiet ta' l-attur ghandhom jigu michuda.

Mic-certifikat taz-zwieg prodott mill-attur [1] jirrizulta illi l-partijiet izzewgu fil-21 ta' Mejju, 2010. Il-kawza kienet appuntata ghas-seduta tat-22 ta' Jannar, 2020 u dak inhar il-konvenuta ma dehritx. L-attur informa lill-Qorti illi huwa kien qed ihabbat wiccu ma' hafna diffikulatjiet sabiex jikkommunika ma' martu u kien ghalhekk illi sallum is-separazzjoni ghadha ma gietx finalizzata. Hu jilmenta illi l-istat civili tieghu jinsab imwahhal minhabba r-reticenza tal-konvenuta.

Fis-seduta tal-5 ta' Frar, 2020 il-konvenuta regghet ma dehritx madankollu deher l-avukat taghha. Dak inhar l-attur tramite l-avukat tieghu ddikjara illi ma kienx hemm lok ghal rikoncljazzjoni.

Fis-seduta tad-19 ta' Frar, 2020 dehru l-partijiet fejn il-konvenuta nfurmat lill-Qorti illi l-avukat kien indispost.

[1] A fol.5 tal-process

Fl-04 ta' Marzu, 2020 l-attur ipprezenta nota spjegattiva.

Fis-Seduta tas-6 ta' Marzu, 2020 dehru l-partijiet izda l-konvenuta ghal darb'ohra ma kinitx assistita. Il-Qorti akkordatilha l-fakolta illi tipprezenta nota b'risposta ghan-nota gia msemmija.

Fis-seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2020 dehret il-konvenuta u pprezentat nota b'anness abbozz tas-separazzjoni li dwarha l-partijiet ma waslux ghall-ftehim. Il-kawza giet differita ghat-13 ta' Marzu, 2020 sabiex jigu trattatti l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta ntimata.

Fit-13 ta' Marzu, 2020 gew trattati l-eccezzjonijiet u l-partijiet xehdu. Mix-xhieda taghhom irrizulta illi l-konvenuta ma toggezzjonax ghad-divorzju u dan jaqbel ma' dak li kien afferma l-attur f'seduti precedenti, cioe', li ma hemmx tama ghal rikonciljazzjoni. Jibqa' izda l-kwistjon ferm importanti tal-komunjoni ta' l-akkwisti. Il-Qorti qed tghid dan billi l-konvenuta BB xehdet hekk:

"**Ix-xhud: Le, jiena mill-bidu ghidt li ma noggezzjonalux, jigifieri, nixtieq li niehu tieghi u hu jiehu tieghu u nimxi.**"

Ghal din il-Qorti dan ifisser illi l-konvenuta hawnhekk qed tirreferi ghal-likwidazjoni ta' l-assi tal-komunjoni.

Minn naha tieghu l-attur bil-gurament, fuq mistoqsija tal-Qorti jekk kienx hemm qbil dwar is-separazzjoni afferma illi :

"**Ix-xhud: L-affarijiet inbidlu minn erba' xhur ilu**."

Kompla jghid :

" **Jiena ukoll irridu s-separation, ghandi garaxx irridu naqsmuh imma naghmluha on equal grounds......Mhux flus; il-flus ta' kollox, il-joint account. Dr Cuschieri qed isemmi hamest elef ewro (€5,000) joint account. Mhux qed insemmi illi dawk**

**il-flus illi ħadt mill-joint account biex inħallas spejjez illi saru minni u BB xtrajna kamra tal-banju u kcina f'post tal-kiri f'Novembru, xahar qabel ma harget, all right, dawk litteralment lanqas kienu bizzejjed, kelli nzid maghhom.**

**Dr William Cuschieri: ... ... ...**
**Ix-xhud: Apparti minn hekk hemm karozza ".**

Minn din ix-xhieda jirrizulta b'mod car illi ghad hemm kwistjonijiet illi jirrigwardaw il-likwidazzjoni tal-komunijoni ta' l-akkwisti liema kwestjonijiet ghad iridu jigu rizolti bejn il-partijiet.

**DRITT.**

Il-Hall taz-zwieg jew divorzju huwa regolat bl-Artikoli 66A *et seq* tal-Kodici Civili. Artikolu 66A (1) jipprovdi illi:

**"66A.(1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'danis-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza."**

L-Artikolu 66B imbaghad jelenka l-kundizzjonijiet illi jridu jigu sodisfatti sabiex il-Qorti tkun tista' tghaddi sabiex takkorda t-talba ghall-hall taz-zwieg:

**" Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:**

(a) **fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għall-perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u**

(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u

(c) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:

**Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, il-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:**

**Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.**

Imbaghad ai termini ta' l-Artikolu 66D (3):

**"Fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, il-persuna miżżewġa li tkun qed tagħmel it-talba għad-divorzju, flimkien ma' l-istess talba, tista' tressaq it-talbiet kollha illi huma maħsuba illi jistgħu jsiru f'kawża ta'separazzjoni skont is-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu. Il-qorti għandha tisma' u tiddisponi minn dawn it-talbiet kif maħsub fid-dispożizzjonijiet imsemmija *mutatis mutandis*. Il-parti l-oħra tista' tressaq b'żieda għall-eċċezzjonijiet imsemmija fl-aħħar subartikolu, l-eċċezzjonijiet kollha illi dik il-parti setgħet tressaq f'kawża ta' separazzjoni."**

Sub artikoli 4 u 5 jipprovdu illi :

**"(4) Fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, il-qorti jkollha *mutatis mutandis* is-setgħat mogħtija lilha fis-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu għal dak illi jirrigwarda l-ordnijiet illi jkollha s-setgħa tagħti *pendente lite*.**

**(5) Minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu u biss fejn il-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata tkun waqfet, il-partijiet ikollhom dritt li f'kull każ, bi qbil bejniethom, jgħaddu għad-divorzju mingħajr ma jillikwidaw l-assi komuni ta' bejniethom"**

Mill-fatti jirrizulta illi l-partijiet m'humiex separati legalment izda *de facto* biss. Ghalkemm kien ipprezentat abbozz ta' kuntratt ta' separazzjoni mill-konvenuta pero' l-partijiet it-tnejn qablu illi sal-lum ebda kuntratt ma gie ffirmat minnhom. Dan ifisser illi d-dispozizzjonijiet tal-Kodici Civili in materja ta' talba ghal divorzju bejn partijiet li ma jkunux separati b'kuntratt jew sentenza, japplikaw kollha kemm huma ghall-kaz odjern.

Barra minn hekk minn qari akkurat tad-dicitura tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 66D jirrizulta li, f'dan il-kaz fejn il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet ma jirrizultax li giet terminata, bhal ma hu l-kaz odjern, la b'sentenza li ordnat il-waqfien tal-komunjoni u lanqas permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, il-pozizzjoni legali hija "*inekwivoka fis-sens illi l-partijiet ma jistghux jghaddu ghad-divorzju minghajr ma jitterminaw u jillikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom*."[2]

Dan ifisser ghalhekk illi billi ma jirrizultax illi hemm qbil bejn il-partijiet rigward xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti, it-talba ta' l-attur kif impustata ma tistax tigi akkolta u dan billi din il-Qorti hija tal-fehma illi fid-dawl ta' dak pprovdut fl-Artikolu sopracitat it-talba tal-attur kellha tikkomprendi mhux biss it-talba ghall-pronunzjament tad-divorzju izda wkoll talba ghat-terminazzjoni u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti – liema talba ma saritx fir-rikors ipprezentat mill-attur rikorent.

Waqt ix-xhieda moghtija mill-konvenuta kien car ghall-Qorti illi din ma rieditx it-terminazzjoni tal-kommunijoni minghajr il-likwidazzjoni ta' l-istess. Din il-pretensjoni da parti taghha hija ta' xkiel ghar-rikors ta' l-attur kif imfassal gia la darba kif gia nghad qabel, fit-talba mressqa minnu ghall-hall taz-zwieg, huwa ma akkumpanjax dik it-talba b'talba ghat-terminazzjoni u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

[2] Supra

Barra minn hekk il-Qorti ta' l-Appell ikkonkludiet illi :

*"Fil-qafas tal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, jassumi relevanza wkoll ir-rekwizit tal-procedura tal-medjazzjoni skont l-Artikolu 66I[1] u r-regolament 4 tal-Legislazzjoni Sussidjara 12.20, f'kazijiet fejn il-mizzewgin iridu jipprocedu ghal divorzju meta ma jkunux ghadhom separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-Qorti. L-iskop tal-medjazzjoni f'dan il-kaz jinsab fl-assistenza li taghti lill-partijiet li jkunu ghadhom mhux separati de iure biex jilhqu qbil dwar l-aspetti relevanti ghall-hall taz-zwieg fosthom "id-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taht amministrazzjoni separata". In propositu huwa appuntu biex jilqa' ghal dawk il-kazijiet fejn dan il-qbil ma jintlahaqx bis-sahha tal-medjazzjoni, illi l-legislatur jesigi li fejn il-komunjoni tal-akkwisti ma tkunx ghadha waqfet, irid ikun hemm il-qbil tan-naha l-ohra biex il-komunjoni tista' tieqaf minghajr ma tigi wkoll likwidata. Inkella din trid tigi wkoll likwidata."*[3]

Dan ma jfisser xejn ghajr illi t-talba tal-attur ma tistax tirnexxi stante li l-attur ma ressaq ebda talba ghal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u lanqas ma rrizulta li kien hemm il-qbil tal-konvenuta li ma ssirx din il-likwidazzjoni .

Barra minn hekk hija l-fehma tal-Qorti li l-medjazzjoni f'dan il-kaz hija ndikata aktar u aktar meta mix-xhieda tal-partijiet irrizulta illi rigward il-komunjoni ta' l-akkwisti hemm divergenzi bejn il-partijiet illi ghad jridu jigu rizolti.

**DECIDE.**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet gia moghtija l-Qorti tichad it-talbiet kollha ta' l-attur rikorrent.

L-Ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jkunu a  karigu ta' l-attur rikorrent.

---

[3] Anthony Pisani  v Maria Rita Pisani, Appell, deciza 26 ta' Jannar, 2018.

Dr. Brigitte Sultana
MAGISTRAT

Maureen Xuereb
D/Registratur